**Żjara lill-Madonna ta' Pinu u l-mużew ta' Karmni Grima**, nhar il-Ħamis 16 t'Ottubru organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima. Wara ser ikollna l-okkażjoni nieqfu nieħdu kafè mill-villaġġ tas-snajja' f'tad-Dbieġi. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9.30am. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**Rużarju fil-beraħ:** nhar il-Ġimgħa 17 t'Ottubru fil-5.30pm fi Triq iż-Żerniq. Kulħadd mistieden.

**Kummiedja fi 3 atti miż-żgħażagħ taċ-Ċentru tagħna**: iż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna ħejjew għalina okkażjoni ta' ferħ ċajtier u divertiment, li żgur jagħmlilna tajjeb. Għalhekk qed jorganizzaw il-farsa li ġġib l-isem: "Il-wirt taz-ziju Karlu", nhar is-Sibt 18 ta' Ottubru, fis-7.30pm, fit-Teatru tal-Banda Mnarja. Inħeġġukom tiġu u ġġibu oħrajn magħkom għal din is-serata divertenti li tneħħilna ftit mis-serjetà żejda li biha qed nittaqqlu fil-ħajja. Dawk kollha interessati jistgħu jixtru l-biljett tagħhom malajr sabiex jirriservaw post fis-sala. Kellmu lil Fr Mark jew iksbuh direttament miċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-biljett rebbieħ tal-lotterija** li saret b'risq il-knisja tal-kwadru bl-ixbieha tal-istatwa devota tagħna ta' San Pietru u San Pawl ġie mtella' wara l-Quddiesa tas-5.00pm tas-Sibt 27 ta' Settembru u kien dak ta' Willie Vella.




**Mill-Arkivju tal-Parroċċa nirringrazzjaw b'mod speċjali lil:**

- Marcel Xuereb li għaddielna xi kitbiet manuskritti tal-Kan. Anton Borg dwar in-Nadur.
- Mons. Ġużepp Grech li permezz ta' Beverly Said għaddielna ġabra ta' omeliji, eżerċizzi u diskorsi oħra li huwa stess ipprepara u wassal matul is-snin tas-saċerdozju tiegħu kif ukoll xi manuskritti oħrajn tas-Superjura Ewġenja Camilleri.
- Grupp tal-Abbatini li matul dan is-sajf waqt li kien qed isir xogħol ta' riparazzjoni u ta' tisbieħ fuq il-kamra tagħhom, huma ħadu ħsieb jiġbru l-materjal kollu (dokumenti u ritratti) tal-Grupp tal-Abbatini tan-Nadur li jmur lura għal aktar minn 50 sena, b'tali mod li issa kollox ġie kkonservat fl-Arkivju tal-Parroċċa.

Dawn il-ġesti jgħinu sabiex materjal li għandu x'jaqsam mal-parroċċa tagħna jibqa' miżmum, imħares tajjeb u fl-istess ħin disponibbli u aċċessibbli għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Ninkoraġixxu oħrajn sabiex ikomplu jgħinuna nipproteġu l-wirt soċjali, kulturali u reliġjuż tal-parroċċa għażiża tagħna.

**Quddies fiċ-Ċimiterji matul ix-xahar ta' Novembru**
Il-quddies organizzat mill-kumitati, għaqdiet, jew individwi oħra fil-Kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta (Ċimiterju ta' Kenuna), għandu jiġi bbukkjat billi ċċemplu fuq dawn in-numri: 79288998 jew 79267330.
L-intenzjoni tal-quddies għandhom jiġu mogħtija direttament lis-saċerdoti li ser iqaddsu fiċ-Ċimiterji tagħna skont il-ġranet u l-ħinijiet li ser jinħarġu fil-ġranet li ġejjin.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am